**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**20 ta' Dicembru 2018**

**Rikors Numru 58/2018**

**John Paul Winfield**

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **John Paul Winfield** ipprezentat fl-20 ta' Gunju 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

"

1. *Illi r-rikorrent ghandu fergha tad-ditta tieghu tar-'restaurant' bl-isem 'Dr Juice' gewwa l-fond 54, Triq il-Gzira, Gzira.*
2. *Illi bhala parti mill-operat tal-fond, ir-rikorrent ghamel talba lill-Awtorita` tal-Artijiet ghal "Encroachment for the grant of Government property for tables & chairs at Dr. Juice Snack Bar, 54, Triq il-Gzira, Gzira" sabiex ikun jista' jaghmel imwejjed u siggijiet fit-triq pubblika. Ir-referenza tal-Awtorita` intimata ghal din it-talba hija GLA12B/2018/0011/PZ.*
3. *Illi permezz ta' ittra datata 4 ta' Mejju 2018, l-Awtorita` intimata infurmat lir-rikorrent li b'decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi mehuda fl-20 ta' April 2018, it-talba tieghu giet michuda "peress li mhux fl-ahjar uzu tal-art meritu tal-applikazzjoni". Kopja ta' din l-ittra hija annessa **Dok JPW1**. Illi dan l-ittra giet notifikata lill-attur fil-31 ta' Mejju 2018.*
4. *Illi r-rikorrent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk qieghed jintavola r-rikors odjern quddiem dan l-Onorabbli Tribunal.*
5. *Illi filwaqt li l-art de quo li fuqha r-rikorrent talab dritt ta' 'encroachment' hija tal-Gvern u li l-Awtorita` ghandha thares l-ahjar uzu tal-art pubblika fl-interessi pubblici, l-Awtorita` m'ghandhiex diskrezzjoni assoluta u r-rikorrent umilment*

*jissottometti li ma kien hemm ebda raguni valida sabiex it-talba tar-rikorrenti tigi michuda.*

6. *Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrent jirrileva li l-Awtorita` intimata fid-decizjoni taghha naqset milli taghti raguni cara ghad-decizjoni taghha, fejn naqset milli tindika x'inhu, skont hi, l-'ahjar uzu tal-art meritu tal-applikazzjoni', u fejn ghalhekk ir-rikorrent jirrizerva li jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri kif u meta l-Awtorita` intimata tissustanzja r-raguni ghac-cahda tat-talba.*

7. *Illi fit-tieni lok, ir-rikorrenti jirrileva li l-art mertu tat-talba tieghu hija bicca art ta' cirka ghaxar metri kwadri mit-triq pubblika fejn ir-rikorrent talab li jkun jista' jaghmel mwejjed u siggijiet quddiem ir-'restaurant'. Illi din l-art ilha ghexieren ta' snin tintuza biss ghal parkegg pubbliku ta' karozza wahda. Illi b'kull rispett, ma jidhirx li l-Awtorita` intimata ghandha xi progetti jew pjanijiet 'ahjar' ghall-uzu ta' din l-art, u semmai ghandha ggib il-prova tal-'ahjar uzu' li qieghda tallega.*

8. *Illi fit-tielet lok, ir-rikorrenti kien applika u kiseb permess mill-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex jaghmel 'change in use' tal-fond u sabiex jaghmel mwejjed u siggijiet fit-triq bir-referenza PA/4125/16 (kopja tal-permess anness **Dok JPW2**). Illi fil-kors ta' din l-applikazzjoni, saru l-konsultazzjonijiet mitluba u r-rikorrenti kiseb l-approvazzjoni ta' diversi awtoritajiet Governattivi ghat-talba tieghu sabiex johrog l-imwejjed u s-siggijiet, fosthom l-Awtorita` tat-Transport kif jidher mill-ittra datata 30 ta' Novembru 2016 (kopja annessa **Dok JPW3**). Illi ghalhekk l-Awtorita` tat-Trasport li hija l-awtorita` kompetenti fir-rigward ta' parkeggi, accettat li l-art tintuza mir-rikorrenti ghall-iskop mitlub. Ghalhekk l-Awtorita` intimata certament ma tistax tghid li l-uzu tal-art bhala parkegg huwa ahjar mill-uzu mitlub mir-rikorrent, meta l-Awtorita` tat-Trasport li hija l-awtorita` kompetenti diga` accetat li l-uzu jinbidel minn parkegg pubbliku.*

9. *Illi fir-raba' lok, id-diskrezzjoni tal-Awtorita` intimata f'dawn it-tip ta' talbiet m'hijiex assoluta u hija soggetta ghar-regoli tal-gustizzja naturali fosthom rigward konsistenza fid-decizjonijiet. Illi jirrizulta li f'dawn l-ahhar snin l-Awtorita` intimata accettat sensiela ta' talbiet minn stabbilimenti tal-ikel u tax-xorb sabiex johorgu imwejjed u siggijiet f'toroq u art pubblika u dan anke fil-vicinanzi tal-art de quo, u dan f'kazijiet fejn certament li l-interferenza fit-tgawdija tal-art pubblika kienet ferm ikbar mill-feles art li talab ir-rikorrent. Illi b'kull rispett, l-Awtorita` intimata ma tistax taqbad u tilqa'/tichad talbiet b'mod arbitrarju izda jrid ikollha u trid tapplika kriterji u 'policies' konsistenti. Dan mhux biss fl-interess ta' kjarezza u konsistenza fid-decizjonijiet, izda wkoll sabiex ma jkunx hemm abbuz u wkoll fl-interess tas-suq liberu. Illi gjaladarba l-Awtorita` intimata konsistentement tul l-ahhar snin accettat talbiet ghal imwejjed u siggijiet, ma kellhiex tichad it-talba tar-rikorrent jew semmai kellha tibbaza tali bidla fit-trattament fuq ragunijiet u kriterji oggettivi.*

10. *Illi fil-hames lok, anke li kieku ghall-grazzja tal-argument l-Awtorita` intimata ghandha xi progetti ghal xi zmien futur mhux definit ghall-bicca feles art mertu tat-talba tar-rikorrent, b'kull rispett f'dan l-istadju ma kellhiex tichad it-talba tar-rikorrent. Illi wara kollox, it-talba tar-rikorrent hija biss wahda ghal permess ta' 'encroachment' li huwa permess temporanju u prekarju skont il-ligi, fejn l-Awtorita` intimata tista' fi kwalsiasi mument terga' tiehu pussess tal-art kif u meta tkun trid tipprocedi b'xi progett 'ahjar' rigward l-art de quo.*

11. *Illi ghalhekk ir-rikorrentipprezenta dan l-appell sabiex jikkontesta d-decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` Intimata tal-20 ta' April 2018 ippubblikata b'ittra datata 4 ta'Mejju 2018.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent filwaqt li jirrizerva li jipproduci l-provi u x-xhieda kollha producibbli, umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Bord jirrevoka u jhassar id-decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` Intimata tal-20 ta' April 2018 ippubblikata b'ittra datata 4 ta'Mejju 2018 fejn imsemmi Bord tal-Gvernaturi cahad it-talba tar-rikorrent ghal "Encroachment for the grant of Government property for tables & chairs at Dr. Juice Snack Bar, 54, Triq il-Gzira, Gzira" bir-referenza GLA12B/2018/0011/PZ, u konsegwentement tilqa' it-talba tar-rikorrent mal-Awtorita` intimata ghal "Encroachment for the grant of Government property for tables & chairs at Dr. Juice Snack Bar, 54, Triq il-Gzira, Gzira" bir-referenza GLA12B/2018/0011/PZ, u/jew taghti dawk il-provvedimenti kollha necessarji fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` ta' l-Artijiet** datata 9 ta' Lulju 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi r-rikorrent talab l-Awtorita' esponenti għall-'encroachment for the grant of Government property for tables & chairs at Dr. Juice Snack Bar, 54, Triq il-Gżira, Gżira' permezz ta' applikazjoni numru GLA12B/2018/0011 liema applikazzjoni kienet datata tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu, elfejn u tmintax (2018);*

2. *Illi l-Awtorita' tal-Artijiet b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi datata 20 t'April, 2018 irrifjutat il-kunsens tagħha peress illi 'mhux fl-aħjar użu tal-art meritu tal-applikazzjoni';*

3. *Illi wara li ngħatat l-imsemmi rifjut ir-rikorrenti talab lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex 'iħassar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` intimata tal-20 ta' April 2018, ippubblikata b'ittra datata 4 ta' Mejju 2018';*

4. *Illi r-rikorrenti ħassu aggravat bid-deċiżjoni u tenna li :*

    a. *L-Awtorita' naqset milli tagħti raġuni ċara għad-deċiżjoni tagħha;*

    b. *Illi din l-art ilha tintuża bħala parkegg għal żmien twil u ma jidhirx li l-Awtorita' għandha proġetti oħra għaliha;*

    c. *Illi l-Awtorita' tat-Trasport hija l-awtorita' kompetenti fir-rigward ta' parkeggi, u li stante li din 'aċċettat li l-art tintuża mir-rikorrenti għall-iskop mitlub' l-Awtorita' esponenti ma tistgħax tgħid illi l-użu ta' l-art bħala parkegg huwa aħjar mill-użu mitlub mir-rikorrenti;*

    d. *Illi l-Awtorita' m'għandhiex dritt assolut fuq dawn it-talbiet; u*

    e. *Illi t-talba hija biss għall-encroachment li huwa permess temporanju u prekarju skont il-ligi u li l-Awtorita' tista tieħdu lura fi kwalsiasi mument u meta tkun trid tipproċedi b'xi proġett aħjar;*

5. *Illi rigward l-aggravji id-deċiżjoni mill-Awtorità intimata dwar l-imsemmija applikazzjoni kienet meħuda wara li ġie kkunsidrat l-aħjar użu illi għandu jsir mis-sit*

*in kwistjoni, skont il-prinċipju tar-raġonevolezza fejn tisħaq l-importanza illi kemm jista' jkun l-art pubblika tiġi gawduta mill-*pubbliku, *liema raġunijiet gew debitament notifikati lir-rikorrenti;*

6. *Illi in oltre fl-istess deċiżjoni tagħha l-Awtorità tat raġuni skont il-prinċipju amministrattiv ormaj stabbilit, "the duty to give reasons" u sejset id-deċiżjonijiet tagħha fuq il-fatti;*

7. *Illi bla preġudizzju u b'żieda mar-*ragunijiet suesposti, *l-Awtorita' tirribatti:*

    a. *Illi hija tat deċiżjoni raġunata u sempliċiment għax ir-*rikorrenti *ma jaqbilx ma l-imsemmija deċiżjoni ma jfissirx illi l-imsemmija deċiżjoni jew ir-raġunjiet li hija msejsa fuqhom m'humiex ċari;*

    b. *Illi l-Awtorita' m'hijiex dovuta biss tiċħad applikazzjoni fuq il-prospett illi ser ikun hemm xi proġett specifiku iżda anka jekk hija tħoss illi l-użu ta' l-art mhux ser ikun l-aħjar użu fiċ-ċirkustanzi. F'dan il-każ, il-Bord iddeċieda illi l-użu prospettat mir-rikorrenti m'huwiex użu aħjar minn dak ezistenti u stante l-problema dejjem tikber ta' nuqqas ta' parkeġġ pubbliku wieħed jista' jifhem ben tajjeb din ir-raġuni;*

    c. *Illi l-Awtorita' tat-Trasport m'hijiex fil-fatt l-awtorita' kompetenti fir-rigward tar-rikjesta odjerna. Dan għaliex m'hijiex l-*Awtorita' *tat-*Trasport li hija responsabbli mill-aħjar użu tal-art Maltija, *imma l-Awtorita' tal-*Artijiet li tikseb il-kompetenza *tagħha mill-*Kap 563 *u l-*Kap 573 *rispettivament;*

    d. *Illi lanqas huwa minnu li, kif jikkontenti r-rikorrent, l-Awtorita' tat-Trasport 'aċċettat li l-art tintuża mir-rikorrenti għall-iskop mitlub'. L-Awtorita' msemmija merament tat-'no objection' kif jirriżulta ċar mill-ittra tat-30' ta' Novembru, 2016 (Ara Dok JPW3 preżentat mar-rikors promutur) bl-intiża ċara li 'permits for the setting up of tables and chairs are to be sought from the* **relevant** *authority/government body'. Il-fatt illi din l-Awtorita' stess saħqet illi għandu jinġieb permess mill-awtorita' relevanti turi li anka hi ma tippretendix li hija l-awtorita' relevanti!;*

    e. *Illi Art7(2)(c) tal-Kap 563 jagħmilha l-funzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet illi "tamministra* **bl-akbar mod assolut** *sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika" w'għaldaqstant l-Awtorita' kienet fid-dittijiet pjeni tagħha li tiehu tali deċizjoni;*

    f. *Illi anka fil-permess mgħoti mill-Awtorita' tal-Ippjanar hemm imniżżel b'mod inekwivoku illi 'This deveopment permission is granted saving third party rights. This permission does not exonerate the applicatnt from obtaining other necessary permission, license, clearance or approval required from any Government department, local council, agency or authority, as required by any law or regulation';*

    g. *Illi l-Awtorita' esponenti taqbel perfettament mar-rikorrenti illi encroachment 'huwa permess temporanju u prekarju skont il-ligi u li l-Awtorita' tista tiehdu lura fi kwalsiasi mument' iżda ma taqbilx mal-premessa illi tista tieħdu lura 'meta tkun trid tipproċedi b'xi proġett aħjar'. Il-ligi fuq dan il-punt hija tassattiva u fi klawsola 31(H)tgħid is-segwenti:*

i. *Awtorità kompetenti tista' tħalli persuna jokkupa art tal-Gvern b'encroachment għall-użu temporanju u speċifiku.*

ii. *Meta l-awtorità kompetenti tagħti l-jedd lil xi ħadd jokkupa art b'encroachment hija jkollha l-jedd li teħodha* ***lura meta trid u għal liema raġuni trid*** *u l-persuna li tkun tgawdi mill-encroachment trid trodd lura b'mod immedjat jew fid-data mitluba u l-awtorità ma tkunx responsabbli għal ebda telf jew ħsara mġarrba minn dik il-persuna minħabba l-fatt li jkun ġie mitmum l-encroachment;*

h. *Illi għaldaqstant, primarjament Art 31(H)(i) jagħti l-fakolta' u mhux jobbliga lill-Awtorita' illi tagħti l-art b'encroachment u t-tieni, huwa loġiku illi jekk l-Awtorita' għandha d-dritt tieħu lura l-art 'għall liema raġuni trid' skont Art 31(H)(ii), għandha wkoll kull dritt illi tiċħad talba għal encroachment għal dawk ir-raġunijiet kollha li hija tħoss huma validi, bħalma fuq kollox, għamlet.*

8. *Illi t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda stante li ma ġiet indikata l-ebda bażi legali fondata, mill-istess rikorrenti, li tikkostitwixxi raġuni valida kemm fil-fatt u kemm fid-dritt amministrattiv li timmerita reviżjoni ta' dan l-għemil amministrattiv;*

*Għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talba mressqa quddiemu mir-rikorrenti bl-ispejjeż interament għall-istess rikorrenti.*

*Daqstant l-Awtorità intimata għandha l-unur li twieġeb u tħalli għas-savju u superjuri ġudizzju ta' dan it-Tribunal."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tar-rikorrent;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` ta' l-Artijiet datata 20 ta' April 2018 u komunikata lilu permezz ta' ittra datata 4 ta' Mejju 2018 li permezz taghha gie mgharraf illi l-applikazzjoni tieghu ghal *"encroachment for the grant of Government property for tables and chairs at Dr. Juice Snack Bar, 54, Triq il-Gzira, Gzira"* kienet qieghdha tigi michuda peress li mhux fl-ahjar uzu tal-art mertu tal-istess applikazzjoni.

Illi mill-provi jirrizulta illi r-rikorrent kien ottjena permess ta' zvilupp da parti tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar ippubblikat fil-11 ta' Jannar 2017 *"to change use*

*from casa bottega to class 4d restaurant. Application includes placing of tables and chairs and umbrellas outside the establishment."*[1] It-Tribunal jirrielva illi fiz-zmien tal-imsemmija applikazzjoni, applikant li japplika ghal zvilupp fuq art tal-Gvern ma kellux bzonn li jgib in-nuqqas ta' oggezzjoni qabel l-applikazzjoni tibda tigi processata imma kien bizzejjed li l-applikant jinnotifika lid-Dipartiment tal-Artijiet bl-istess applikazzjoni. Kien pero` jibqa' xorta l-fatt li anke wara li johrog il-permess ta' zvilupp, l-applikant ried igib il-kunsens tad-Dipartiment tal-Artijiet biex jaghmel dak lilu permess mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Pero` jirrizulta illi fil-mori tal-applikazzjoni odjerna quddiem l-Awtorita` ta' l-Ippjanar giet in effett Cirkulari tal-Awtorita` tal-Ippjanar Numru 2/16 li kienet tghid illi l-applikazzjonijiet kollha li kienu se jigu decizi mit-30 ta' Mejju 2016 'il quddiem kellhom jigu sospizi ghal perjodu massimu ta' sena sabiex l-applikant igib in-nuqqas ta' oggezzjoni ghall-izvilupp minghand l-Awtorita` intimata. Fil-kaz odjern jidher illi din il-procedura giet maqbuza u l-permess hareg xorta minkejja n-nuqqas ta' dikjarazzjoni da parti tal-Awtorita` intimata.

Bhala provi r-rikorrent ressaq lil rapprezentant ta' Transport Malta, Luke Genius, Manager mal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, li kkonferma li fit-30 ta' Novembru 2016 l-Awtorita` permezz ta' ittra mibghuta lill-Perit tar-rikorrent infurmatu li ma kinitx qed issib oggezzjoni ghat-tpoggija ta' *timber platform* u mwejjed u siggijiet fis-sit in kwistjoni pero` dan kien suggett ghal numru ta' kondizzjonijiet, fosthom illi *"permits for the setting up of tables and chairs are to be sought from the relevant authority/government body."*[2] Spjega li l-ittra in kwistjoni kien harigha hu u li meta jkun qed jikkunsidra sitwazzjoni bhal dik odjerna huwa jaraha *"from a traffic point of view".*

Dr. Anita Giordmaina, Segretarja tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` intimata, spjegat illi r-raguni tar-rifjut tal-Bord kienet illi l-uzu prospettat mir-rikorrent ma kienx l-ahjar uzu tal-art tal-Gvern stante l-problema dejjem tikber ta' nuqqas ta' parkegg pubbliku. Ix-xhud esebiet ukoll dikjarazzjoni ta' Raymond Demicoli, *Operations Manager* fi hdan l-Awtorita` intimata, illi fi Triq il-Gzira, Gzira ma hemm l-ebda *encroachment permit.*[3] Tispjega li l-Awtorita` mhux biss tara li l-art tal-Gvern tigi uzata tajjeb u skont il-*policies* vigenti imma li l-ahjar uzu ikun fl-interess pubbliku. Fir-rigward tal-mansjonijiet tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, x-xhud stqarret illi l-mansjoni ta' dik l-Awtorita` hija li tirregola l-parkegg ta' vetturi f'postijiet pubblici u toroq, mentri dik tal-Awtorita` intimata hija li tamministra l-artijiet pubblici.

---

[1] Dok JPW 2 a fol. 8
[2] Dok JPW 3 a fol. 17
[3] Dok AG 1 a fol. 72

Dr. Giordmaina pprezentat ukoll lista bl-*encroachments* ghal imwejjed u siggijiet koncessi mill-Awtorita` intimata fi Triq ix-Xatt, Gzira/Sliema.[4] Ix-xhud giet ipprovduta mid-difensur tar-rikorrent ukoll b'lista ta' stabbilimenti biex tivverifika jekk ghandhomx *encroachment*, fosthom Sofra Kebab, Yummy Gelato, Sistina, Moo's Kebab, pero` rrizulta li l-ebda wiehed minnhom ma' ghandu *encroachment* ghal imwejjed u siggijiet da parti tal-Awtorita` intimata. Mistoqsija jekk kienx hemm applikazzjonijiet ohra, apparti dik tar-rikorrent, fl-istess triq, ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Ix-xhud giet mitluba wkoll tivverifika jekk tliet stabbilimenti li jinsabu fi Triq ix-Xatt, u cioe` *The Black Sheep* fi Triq ix-Xatt, Sliema, *Tiffany's Bistro Snack Bar*, Tigne Sea Front, Sliema u *Uncle Matt's* fi triq ix-Xatt, Ta' Xbiex kienx inhargilhom *encroachment* mill-Awtorita` intimata. Wara verifiki li ghamlet, ix-xhud stqarret illi fir-rigward tal-istabbiliment *The Black Sheep* il-Bord approva l-*encroachment* ghal imwejjed u siggijiet fid-19 ta' April 2018 pero` llum il-gurnata hemm ordni ta' nfurzar. Fir-rigward ta' *Tiffany's Snack Bar* il-Bord approva *encroachment* fit-28 ta' Marzu 2018 pero` l-permess finali ghadu ma harigx ghax ghadu ma sarx il-hlas appozitu. Fir-rigward tal-istabbiliment *Uncle Matt's* gie approvat *encroachment* fit-28 ta' Gunju 2018 pero` l-permess finali ma harigx peress li wkoll ghadu ma sarx il-hlas.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tal-artikolu 7 (c) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar l-Awtorita` Tal-Artijiet), l-istess Awtorita` ghandha l-funzjoni li *"**tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta** u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika bħall-perimetru tal-kosta, ix-xtut, portijiet, mollijiet, puntuni, portbeaches, postijiet ta' nżul, irmiġġi, kanali, akwadotti, lagi, spieri naturali, irdum, widien, pjazez pubbliċi,* ***toroq****, sqaqien, korsiji, rotot ta' aċċess għall-postijiet pubbliċi oħra inkluż dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta, boskijiet, parki, żoni ta' importanza ekoloġika jew ambjentali u s-siti ta' importanza kulturali, soċjali, jew storiċi."*

Illi ai termini tal-artikolu 8 tal-imsemmi Att *"ix-xogħol imwettaq mill-Awtorità għandu jkun ir-responsabbiltà tal-Bord iżda ħlief kif hawn aktar qabel imsemmi, it-tmexxija eżekuttiva tal-Awtorità, l-amministrazzjoni tagħha u l-organizzazzjoni u l-kontroll amministrattiv tad-Direttorati, Unitajiet, Diviżjonijiet u Sezzjonijiet u tal-uffiċjali u l-impjegati, għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, li jkollu wkoll dawk is-setgħat kollha li minn żmien għal żmien jiġu delegati lilu mill-Ministru."*

[4] Dok AG 2 a fol. 199

Illi ghalhekk il-funzjoni tal-Awtorita` intimata msemmija f'artikolu 7 tigi ezercitata *tramite* l-Bord tal-Gvernaturi imwaqqaf permezz ta' artikolu 9 tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Bord tal-Gvernaturi ghandu jirregolah artikolu 12 tal-istess ligi ghal dik li hi procedura.

Illi r-rikorrenti jikkontendi li d-decizjoni tar-rifjut tal-Bord tal-Gvernaturi, u cioe` li mhux fl-ahjar uzu tal-art li jinghata *encroachment*, hija wahda zbaljata.

Illi mill-provi rrizulta illi l-istabbiliment tar-rikorrent qieghed fi Triq il-Gzira, Gzira, f'parti pjuttost wiesgha tat-triq fejn quddiemu ezatt hemm spazji ta' parkegg taht il-bankina. Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent ottjena permess ta' zvilupp mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar sabiex, fost affarijiet ohra, jinstalla pjattaforma minn fuq il-bankina ghal fuq spazju ta' parkegg li hemm quddiem l-istabbiliment biex fuqha jpoggi mwejjed u siggijiet.

Illi l-Awtorita` intimata ma laqghatx it-talba tar-rikorrent sabiex jinghata permess ipoggi mwejjed u siggijiet fuq art pubblika ghaliex hasset li ma kienx l-ahjar uzu li jista' jsir mil-lok in kwistjoni u precizament ghaliex kien se jintilef spazju ta' parkegg f'zona li hemm diffikulta` kbira ta' parkegg ta' vetturi.

Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa li d-decizjoni appellata ma kinitx cara. Pero`, anke minn kif dedott fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, dan l-aggravju gie sorvolat peress li rrizulta ampjament car waqt is-smiegh tal-appell illi r-raguni ghac-cahda kienet illi kien se jintilef spazju ta' parkegg. Madankollu t-Tribunal iheggeg lill-Awtorita` intimata sabiex tkun iktar esplicita fir-ragunijiet taghha sabiex applikant jitpogga mill-ewwel f'posizzjoni li jifhem ir-raguni tac-cahda.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu r-rikorrent jishaq li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata hija *ultra vires* u mhux konsistenti mal-agir tal-istess Awtorita`. Skond ir-rikorrent huma entitajiet ohra, bhal Transport Malta, li ghandhom is-setgha li jiddeciedu dwar kwistjonijiiet ta' parkegg u mhux l-Awtorita` intimata stante li din tal-ahhar m'ghandha ebda rizorsi u informazzjoni biex tiehu decizjoni infurmata. Dan jishqu iktar u iktar meta Transport Malta kienet ma oggezzjonatx li jintilef dan il-parkegg. Ir-rikorrent jishaq illi hija Transport Malta li ghandha l-mansjoni, fost ohrajn, li tipprovdi u tirregola postijiet ta' parkegg fit-toroq.[5] Min-naha l-ohra l-Awtorita` intimata tishaq li hija ghandha l-poter, anzi l-obbligu, li tara li jsir l-ahjar uzu mill-art pubblika u dan ai termini tal-artikolu 7 (c) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta.

[5] Artikolu 7 (n) tal-Kapitolu 499 tal-Ligijet ta' Malta

Illi t-Tribunal josserva illi ma hemm bzonn l-ebda prova xjentifika illi fiz-zona ta' fejn qieghed jintalab l-*encroachment* hija zona kemm traffikuza u kif ukoll fejn wiehed difficilment isib parkegg. Ghalhekk id-decizjoni ta' telf ta' parkegg, anke jekk wiehed, ghandha tigi ezaminata mill-ottika ta' fejn tkun iz-zona li qieghed jintalab l-*encroachment.* It-Tribunal hu konxju wkoll illi matul Triq ix-Xatt, Gzira/Sliema hemm numru ta' *encroachments* ghal imwejjed u siggijiet li hadu postijiet ta' parkegg, liema *encroachments* fil-maggorparti taghhom inghataw mill-predecessur tal-Awtorita` intimata u tnejn minnhom inghataw mill-Awtorita` prezenti. Illi dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza li jippronunzja ruhu fuq materji ta' diskriminazzjoni peress li din hija materja li tezorbita l-kompetenza tieghu. Jirrizulta pero` illi fl-istess triq, u cioe` Triq il-Gzira, Gzira, m'hemm l-ebda *encroachments* ezistenti anke jekk kif gia` intqal iktar 'il fuq hemm *encroachments* ftit metri 'l boghod pero` fi triq ohra.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal se jillimita ruhu u jezamina jekk l-Awtorita` intimata setghetx tiehu in konsiderazzjoni kwistjoni ta' nuqqas ta' parkegg meta giet biex tevalwa d-decizjoni in kwisjtoni, jew jekk din id-decizjoni kinitx tispetta biss lill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta.

Kif gia` gie msemmi iktar 'il fuq, l-Awtorita` intimata ghandha l-obbligu li tara li jsir l-ahjar uzu mill-art pubblika. Il-mistoqsija f'dan il-kaz huwa x'inhu l-ahjar uzu fil-lok in kwistjoni? Parkegg ta' vettura jew numru zghir ta' mwejjed u siggijiet? Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-Awtorita` intimata ghandha kull dritt u obbligu, li minkejja li Awtoritajiet ohra jistghu ma jsibu l-ebda oggezzjoni, tiddeciedi hi dwar l-ahjar uzu tal-art pubblika. F'dan il-kaz, fil-fehma umli tat-Tribunal, meta wiehed jikkonsidra l-problema ta' parkegg li hemm fiz-zona, fatt maghruf minghajr bzonn ta' hafna provi teknici, l-ahjar uzu li jista' jsir mill-ispazju in ezami huwa li jibqa' spazju ta' parkegg, tenut kont ukoll il-fatt illi z-zona ta' quddiem il-hanut tar-rikorrent hija inkorcju importanti fejn it-traffiku diehel u hiereg sabiex jaqsam min-naha tax-Xatt 'il gewwa lejn Rue d'Argens,u fejn vetturi kummercjali isibu lok fejn jipparkjaw billi t-toroq 'il gewwa huma kemmxejn dojoq. L-interess pubbliku li l-Awtorita` intimata ghandu jiggwidaha fid-decizjoni taghha jiddetta illi huwa aktar ghaqli li l-ispazju jitgawda bhala parkegg ta' vettura milli ghal skop kummercjali ta' persuna wahda. It-Tribunal jifhem li r-rikorrent jista' jhossu urtat meta jara li ftit boghod mill-istabbiliment tieghu hemm stabbilimenti ohra li qeghdin igawdu l-facilita` li jixtieq hu. Pero` fost dawn irrizulta li hemm minnhom minghajr permess filwaqt li ohrajn ghandhom il-permess, anke ricenti da parti tal-Awtorita`. Pero` dan it-Tribunal ma jhossx li huwa kompitu tieghu li jidhol f'xi paraguni stante li dan mhux il-*forum* appozitu. Jekk ir-rikorrent ihoss li qieghed jigi diskriminat ghandu jfittex rimedju f'*forum* iehor. Madankollu t-Tribunal jissollecita, kif diga ghamel, lill-Awtorita` intimata sabiex kemm jista' jkun ma tippermettix illegalitajiet fejn jidhlu mwejjed u siggijiet fuq barra ta'

stabbilimenti, anke ghaliex dan ikun ifisser biss uzurpazzjoni ta' art pubblika a detriment tal-pubbliku in generali.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 20 ta' April 2018 ghandha tigi konfermata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jichad l-appell tar-rikorrenti fit-termini hawn fuq enuncjati u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**